Verżjoni Elettronika

A.L. 10 tal-2023

ATT DWAR IS-SALARJI TAL-PRESIDENT TA' MALTA U TA' UFFIĊJALI OĦRA (KAP. 186)

Ordni tal-2023 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 2 u 3 tal-Att dwar is-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2023 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra.

(2) Dan l-ordni għandu jitqies li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023.

Reviżjoni tas-salarju tal-President. Kap. 186.

2. B'effett mill-1 ta' Jannar 2023, għandu jitħallas lill-President ta' Malta, minflok is-salarju stabbilit bl-artikolu 2 tal-Att dwar is-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra, salarju skont l-Iskeda A.

Reviżjoni tas-salarji ta' Uffiċjali oħra. Kap. 186.

3. Għandu jitħallas lid-detentur tal-kariga speċifikata fl-ewwel kolonna tal-Iskeda B, minflok is-salarju stabbilit bl-artikolu 3 tal-Att dwar is-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra, is-salarju fis-sena rispettivament speċifikat għal kull kariga fit-tieni kolonna tal-Iskeda B.

SKEDA A
(artikolu 2)

	2023	
	Paga Bażika	Cash Payment
President ta' Malta.....	€68,936	€527

Verżjoni Elettronika

SKEDA B
(artikolu 3)

	2023	
	Paga Bażika	Cash Payment
Avukat Ġenerali.....	€66,659	€510
Avukat tal-Istat.....	€66,659	€510